MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1550/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Joseph Chircop (422072M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u ghaxar Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm110.52), ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Jannar 2005.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-Korporazzjoni attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ mija u ghaxar Liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm110.52), bl-imghax kummercjali mid-data tal-presentata ta’ l-Avviz u bl-ispejjez kif mitluba, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Jannar 2005, li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------